**Stqarrija mill-Ministru għall-Ġustizzja u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, dwar nomina ta' maġistrati u r-riforma fil-qasam tal-ġustizzja**

Sur President,

Nemmen li hu doveruż da parti tiegħi li llum niġi hawn u nagħmel stqarrija quddiem il-Kamra tad-Deputati dwar in-nomini ta' żewġ ismijiet ta' Avukati li saru l-ġimgħa li għaddiet biex jinħatru Maġistrati.

Kif hu pubblikament magħruf dawn in-nomini ta' żewġ Avukati biex iservu lil pajjiżna bħala Maġistrati tħabbru permezz ta' stqarrija għall-istampa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni li ħarġet nhar l-Erbgħa, 3 ta' Frar 2016.

Sur President,

Qed nuża l-kelma "iservu lil pajjiżna" mhux b'kumbinazzjoni għaliex kull min jagħżel li jservi bħala Maġistrat jew Imħallef ikun qiegħed jassumi funzjoni diffiċli u delikata li tattira ħafna sagrifiċċji personali kemm fil-konfront tal-persuni nfushom u kemm fil-konfront tal-familji tagħhom.

Għalhekk tajjeb jekk, mill-bidu nett, nirringrazzja lill-Ġudikanti kollha li servew u li għadhom iservu u lill-familji tagħhom tal-kontribut li taw lil pajjiżna u tas-sagrifiċċju li jgħaddu minnhom fis-skiet ta' darhom. Ħafna drabi huma jaħdmu fil-kwiet, jiġu kkritikati kullimkien bla ma jistgħu jwieġbu, u xorta jibqgħu jaqdu d-doveri tagħhom.

Irrid ngħid, Sur President li s'issa l-Gvern għamel 11-il ħatra fil-Ġudikatura. Bħala stat ta' fatt, f'kull waħda mill-11-il ħatra li għamel s'issa fil-Ġudikatura l-Gvern preżenti uża l-istess proċedura eżatt li ilha tintuża għal ġenerazzjonijiet sħaħ f'pajjiżna. F'kull waħda minnhom. Qed ngħidha din għax min mhuwiex midħla tas-settur seta' ħa l-impressjoni li l-Gvern illum qed juża xi metodu ta' ħatra differenti jew inferjuri għal dak li kien jintuża qabel.

Anzi, għall-kuntrarju din hija sistema li ilha ħafna magħna – ġenerazzjonijiet sħaħ – li f'diversi okkażjonijiet qanqlet kontroversja però li meta nħarsu lura nafu li tatna sensiela twila ta' Ġudikanti li fil-maġġoranza assoluta tagħhom taw servizz impekkabbli lil pajjiżna.

Jekk tagħti titwila lura fl-istorja ta' pajjiżna sa minn qabel il-Gwerra ssib minn kollox. Issib Prim Ministri, Ministri u Speakers li ġew maħtura Imħallfin, ġieli anke fl-istess leġiżlatura.

Eqreb lejn żmienna meta l-Partit Nazzjonalista kien fil-Gvern issib ex Segretarju Parlamentari li wara ftit xhur mill-bidla fil-Gvern fl-1998 inħatar Maġistrat, u ssib Prim Imħallef li nħatar f'dik il-kariga meta kellu ħuh membru fil-Kabinett tal-Ministri.

Kif mistenni, f'kull każ tqanqlet kontroversja kbira, f'uħud mill-każijiet dibattiti jaħarqu f'dil-Kamra; però f'kull każ l-istorja wriet li fil-maġġoranza assoluta tagħhom dawn

il-persuni servew fil-karigi tagħhom b'mod impekkabbli, taw ġieħ lil pajjiżna u ħarġu bl-unuri kollha kemm huma.

Għaliex qed ngħid hekk? Qed ngħid hekk għaliex bil-kritika kollha li ilha ssir u għadha ssir, is-sistema tatna Ġudikanti tajbin. Għandna fejn nirfinaw? Iva. Bla dubju. Hemm xi tbiddel? Iva. Se tittejjeb is-sistema preżenti? Iva wkoll. Biss ejja ma narmux mit-tieqa n-nies li tatna s-sistema, ħafna minnhom nies tajbin, ġuristi distinti, li nerġa' nsellmilhom minn hawnhekk.

Jien fiż-żmien li ili nservi bħala Segretarju Parlamentari u mbagħad Ministru għall-Ġustizzja ressaqt nomini li wħud minnhom ma qanqlux kontroversja, oħrajn qanqlu ammont ta' kontroversja u oħrajn li qanqlu ħafna kontroversja. Wara li għadda ż-żmien, bħalma ġara prattikament f'kull każ, anke fuq l-iktar persuna li isimha qanqal kontroversja, ħlief kliem sabiħ ma nismax, sa dalgħodu stess, ta' kemm hu Imħallef tajjeb, kemm hu Imħallef rett u kemm hu Imħallef ġust.

Għalhekk sija meta nitkellmu dwar persuni li jintgħażlu biex iservu fil-Ġudikatura u sija meta nitkellmu dwar il-metodu tal-ħatra, għandna l-vantaġġ li għandna ġenerazzjonijiet sħaħ ta' esperjenza li nistgħu nitgħallmu fuqhom.

Niġu issa għaż-żewġ nomini li tħabbru bħal għada ġimgħa ilu.

L-ewwel nett irrid nagħmel punt li forsi huwa ftit tekniku però importanti.

Fis-sistema legali tagħna, il-Kabinett m'għandux il-poter jaħtar nies biex iservu bħala Maġistrati jew Imħallfin. Il-Kabinett għandu l-poter li jinnomina, jiġifieri jagħti parir lill-President ta' Malta biex imbagħad hi, abbażi ta' dak il-parir, tgħaddi biex taħtar in-nies li l-Kabinett jagħti parir li jinħatru.

Tgħidli, mhux l-istess ħaġa? Le, mhijiex l-istess ħaġa anke jekk ġurnalistikament iż-żewġt ikliem jintużaw *interchangeably*. Meta l-Kabinett jinnomina ma jfissirx li jkun ħatar, għaliex il-ħatra ssir meta l-President ta' Malta tagħti l-ġurament f'dik is-Sala l-ħamra li spiss naraw fuq it-*television* meta jinħatar xi Ministru jew xi Imħallef u d-dokumenti relattivi jiġu ffirmati quddiem kulħadd mal-ġuramenti tal-kariga. Hemmhekk biss ikun inħatar bniedem, mhux meta l-Kabinett japprova n-nomina.

Niġi issa għan-nomina li għamilt lill-Kabinett taż-żewġ ismijiet li saret bħal-lum ġimgħa.

L-ewwel nett irrid ngħid li l-ikbar prijorità tiegħi kienet li ninnomina żewġ nisa biex iservu fil-Maġistratura. Meta assumejt il-kariga kważi tliet snin ilu sibt li f'pajjiżna kien hemm żbilanċ enormi fir-rappreżentanza tas-sessi fejn tidħol il-Ġudikatura li kienet inaċċettabbli. Ridt u ħdimt sabiex dan l-iżbilanċ jiġi kkoreġut b'iktar nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija fis-soċjetà tagħna.

Għax hekk wegħedna u kelmitna nżommuha, Sur President.

Fil-fatt tliet snin ilu kienu biss 35 fil-mija l-membri tal-Ġudikatura li kienu nisa. Ftit iktar minn 3 minn kull 10 ġudikant kien tas-sess maskili. Dan mhuwiex rappreżentattiv tas-soċjetà tagħna. Bil-ħatriet li għamilna sal-aħħar ħatra tal-Maġistrat Donatella Frendo Dimech l-ammont żdied bi kważi għaxra fil-mija. Qabża bil-fatti. Ħaddieħor jipprietka fuq iktar *empowerment* lin-nisa fis-soċjetà tagħna – aħna nagħmlu, għamilna u ħa nkomplu nagħmlu d-differenza bil-fatti.

Sur President,

Deherli li sija Dr Ingrid Zammit Young u Dr Caroline Farrugia Frendo huma żewġ avukati nisa onesti, serji, integri u li kellhom il-preparazzjoni meħtieġa biex jaqdu l-funzjoni ta' Maġistrat bl-aħjar mod. L-ewwel waħda hi Avukat ta' esperjenza u ta' karattru umli, li kienet ġejja minn *background* tal-privat ma' ditta ewlenija fit-telekomunikazzjoni u t-tieni waħda hija Avukat, ukoll ta' karattru umli, li wara li ħadmet fl-uffiċċju legali ta' missierha in kuntatt man-nies, imdorrijin b'volum kbir ta' xogħol u klijenti għal numru ta' snin, bdiet taqdi l-funzjoni tagħha ta' *Court Attorney* magħżula mill-Ġudikanti stess – mhux minni – u fil-ftit xhur li ilha mill-ewwel uriet abbiltà.

Irriżulta li wara li l-Kabinett approva n-nomina u l-ismijiet ġew ippubblikati biex il-poplu jkun infurmat tqanqlu dubji dwar l-eliġibilità taż-żewġ nominati.

Fil-konfront tan-nomina tal-Avukat Caroline Farrugia Frendo, id-dubji kienu dwar jekk Dr Farrugia Frendo għandhiex is-seba' snin li tirrikjedi l-Kostituzzjoni ta' prattika ta' Avukat. Hawnhekk id-dubju kien infondat għaliex Dr Caroline Farrugia Frendo meta ppropponejtha lill-Kabinett kienu għaddew seba' snin minn mindu ngħatat il-*warrant* biex teżerċita l-professjoni ta' avukat fil-mument tal-ħatra nikkonferma li se jkunu għaddew iktar minn seba' snin minn mindu ngħatat il-ġurament ta' avukat.

Għadni rrid nifhem għala l-Oppożizzjoni għażlet li meta lanqas għadha ħadet il-ġurament ta' Maġistrat tgħid minn issa li l-eventwali ħatra ta' Maġistrat hija anti-Kostituzzjonali. Dan mhu minnu xejn, hija invenzjoni u nappella biex ma nibqgħux inħawdu l-imħuħ b'affarijiet li nafu li mhumiex minnhom.

Saret kritika wkoll fis-sens li għarukaża din l-Avukat se tkun laħqet Maġistrat hekk kif tagħlaq is-seba' snin prattika. Għal darb'oħra din il-kritika hi inġusta għaliex l-esperjenza legali moderna ta' pajjiżna tgħallimna mod ieħor – tant li kien hemm mill-inqas żewġ Maġistrati – li t-tnejn li huma ġew imbagħad promossi għal Imħallfin fi żmien amministrazzjonijiet preċedenti u għadhom iservu *with distinction* bħala Imħallfin sal-lum – li kienu nħatru Maġistrati eżatt malli għalqu s-seba' snin prattika.

Allura d-domanda weħidha tiġi. Qed ngħidu li nkisret il-Kostituzzjoni meta dan mhu veru xejn. Qed inpinġu l-ħatra ta' Dr Caroline Farrugia Frendo daqslikieku hi xi skandlu meta għandna żewġ Imħallfin sedenti li jgawdu rispett, li minn hawn insellmilhom u nirringrazzjahom f'isem il-poplu kollu, li meta kienu laħqu Maġistrati kienu appena għalqu s-seba' snin, xahar u ftit jiem mid-data tal-ġurament ta' Avukat. Wieħed kellu 30 sena u l-oħra kellha 31 sena meta laħqu Maġistrati.

Insellem għalhekk kemm lill-Imħallef Noel Cuschieri u kemm lill-Imħallef Jacqueline Padovani Grima. Nerġa' ngħidilhom grazzi. Dawn huma prova ċara ta' nies li laħqu ta' età żgħira, taw ħilithom u li taw ħajjithom u qalbhom għall-Ġudikatura bħalma jiena ċert li disposta tagħmel u hekk se tagħmel Dr Farrugia Frendo.

Allura dan l-attakk kollu għala qed isir?

Għax Dr Farrugia Frendo inzertat it-tifla ta' Dr Anglu Farrugia? Għalhekk qed isiru dawn l-attakki personali? Nattakkaw in-nies skont min hu missierha? Skont il-familja ta' dak li jkun?

Ikun perikoluż għal kull Oppożizzjoni li taqbeż il-linja bejn dik li hi kritika u dak li hu *bullying*. Inħalli f'idejn il-ġudizzju tan-nies li jagħmlu l-konklużjonijiet tagħhom.

Niġu issa għan-nomina ta' Dr Ingrid Zammit Young.

Meta tħabbar isem Dr Zammit Young tqanqal dubju dwar l-eliġibilità tagħha peress li fl-aħħar xhur kienet isservi fuq il-Kummissjoni tal-Impjiegi.

Dawn huwa punt legali li, kontra kif setgħet ingħatat l-impressjoni, ma joħroġx direttament mill-artikolu tal-Kostituzzjoni dwar il-ħatra tal-Maġistrati imma mill-Artikolu dwar il-Kummissjoni tal-Impjiegi moqri flimkien ma' artikolu separat dwar l-interpretazzjoni. Mela essenzjalment hi kwistjoni ta' interpretazzjoni legali.

Fil-mument li tqanqal dubju ma konniex suppervi. Smajna. Ma webbisniex rasna. Waqafna u rriferejna l-każ immedjatament lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja sabiex ittina parir hi dwar dan il-punt u għidna mill-ewwel li aħna konna se nimxu mal-parir tal-Kummissjoni.

Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-ittra tal-Onor. Prim Ministru li tispjega b'mod ċar u tekniku l-argument legali inkwistjoni.

Ir-*rationale* tiegħi fi kliem sempliċi hu dan: l-artikoli inkwistjoni jaslu biex jikklassifikaw Maġistrat bħala *public officer* biss għal ċertu skopijiet u mhux għal oħrajn, u dan iħalli lok għal interpretazzjoni.

U fil-fatt il-lok għall-interpretazzjoni hemm għadu. Illum il-Professur Ian Refalo, li naħseb li kulħadd jaqbel li huwa awtorità fejn tidħol il-liġi Kostituzzjonali u probabbli għallem lil kull Avukat li hawn f'din il-Kamra, qal hekk:

> "*The issue all arose out of an alleged nomination to judicial office which does not satisfy the parameters of the Constitution. I say alleged and underscore it because it seems to me the whole issue is debatable ...*"

Ħa nerġa’ nirrepetiha bil-Malti: Il-kwistjoni qamet dwar nomina għall-Ġudikatura li allegatament ma tissodisfax il-parametri tal-Kostituzzjoni. Qed ngħid, jgħid il-Professur Refalo, allegatament u nisħaq li allegatament għaliex jidhirli li l-kwistjoni kollha hija dibattibbli. U mbagħad il-Professur Refalo jibqa’ jkompli bl-argument tiegħu li hu interessanti immens.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-artiklu tal-Prof. Refalo.

Mela l-kwistjoni tal-eliġibilità hija waħda dibattibbli u kwistjoni ta’ interpretazzjoni.

Għax hemm domanda fundamentali li wieħed irid jistaqsi: wieħed jista’ jaċċetta illi l-projbizzjoni illi Membru tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi ma jsirx ‘uffiċjal pubbliku’ fi żmien tliet snin tapplika wkoll għal persuna illi tinħatar fil-Ġudikatura meta din għandha l-garanziji ta’ indipendenza mill-Gvern illi huma għal kollox differenti minn dawk li japplikaw għall-impjegati tal-Gvern?

Illum ukoll dehru kummenti mid-Dekan tal-Fakultà tal-Liġi l-Prof. Kevin Aquilina li allura wera wkoll dubju dwar l-eliġibilità tal-ħatra tal-Ombudsman li saret fi żmien amministrazzjoni preċedenti bi qbil unanimu tal-Kamra abbażi tal-istess prinċipju Kostituzzjonali.

Dan peress li Dr Joseph Said Pullicino kien Chairperson tal-Awtorità tax-Xandir – u l-Kostituzzjoni ssemmi wkoll ineleġibbilità li jkollu *public officer* qabel tliet snin – u laħaq Ombudsman hekk kif spiċċa mill-Awtorità tax-Xandir.

Ħa nikkwota:

> *“The position is not clear,” Aquilina told MaltaToday when asked whether a member of [Broadcasting] authority or [Employment] commission could also serve as an Ombudsman.”*

Qed ngħid hekk mhux bi kritika lejn l-Ombudsman – li għandi rispett lejn l-istituzzjoni tiegħu u lejn Dr Said Pullicino nnifsu – u lanqas m’jien qed ngħid li naqbel mal-pożizzjoni legali tal-Prof. Aquilina dwar dan il-punt, imma biex nispjega li għal dak li ħaddieħor qal li hu ċar, fil-verità hu dibattibbli u hu miftuħ għall-interpretazzjonijiet legali.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-artiklu msemmi.

Meta tlajt nixhed quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tkellimt dwar każ ieħor li peress li jolqot membru sedenti tal-Maġistratura qed nagħżel li hawnhekk inżommu għalija, imma semmejtu biex infisser aħjar dawn id-dubji li jitwieldu minn kwistjoni ta’ interpretazzjoni li għadni kemm semmejt. Jien dispost li privatament lil sħabi tal-Oppożizzjoni nagħtihom id-dettalji kollha li jixtiequ.

Lura għall-każ ta’ Dr Zammit Young. Aħna hekk kif irreferejna l-każ quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għidna mill-bidu nett li tiddeċiedi

x'kienet se tiddeċiedi l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, aħna konna se noqogħdu fuq il-parir tal-Kummissjoni.

Wara sitt sigħat ta' deliberazzjoni maqsuma fuq jumejn, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-ewwel nett xi ħaġa bħal din tiddeċidiha b'mod definittiv l-Qorti u mhux il-Kummissjoni, u t-tieni nett li hemm possibbiltà ta' impediment.

Nerġa' nirrijafferma li hawn mhux qed nitkellmu dwar ċertezza, imma possibbiltà. Ma qalulix żgur ma tistax issir, imma li hemm possibbiltà li din ma tistax issir.

U hawn qed nitkellmu fuq parir u mhux kundanna kif ivvintat l-Oppożizzjoni.

Biss, ladarba kien hemm imqar farka ta' dubju fuq l-eliġibilità tagħha, Dr Ingrid Zammit Young għażlet li bi prudenza tirtira n-nomina tagħha.

U hawn irrid nissottolinea d-differenza bejn dan il-Gvern u x'kien isir minn Gvern preċedenti għaliex dan mhux l-ewwel każ fejn intalab parir tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja dwar l-eliġibilità legali ta' avukat biex iservi bħala ġudikant.

Meta kien Prim Ministru Dr Eddie Fenech Adami kien intalab parir mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja dwar in-nomina ta' Dr Andrè Camilleri għal Imħallef. Meta l-Kummissjoni, għar-raġunijiet tagħha, qalet li hemm il-possibbiltà li tonqos f'Dr Camilleri il-kwalifika li trid il-liġi, Dr Fenech Adami ma qagħadx għall-parir tal-Kummissjoni imma bil-miktub qalilha li se jibqa' għaddej u jappunta xorta waħda lil Dr Camilleri.

Imbagħad, Dr Camilleri, ta' raġel li kulħadd jaf li hu, għażel li, bħalma għamlet Dr Zammit Young, bi prudenza jirtira n-nomina tiegħu.

Din hi d-differenza bejn il-mod kif kienu jsiru l-affarijiet qabel u kif qed isiru l-affarijiet issa. Aħna aċċettajna l-parir tal-Kummissjoni mill-bidu nett u ħaddieħor ried jibqa' għaddej litteralment bħal gaffa.

Sur President, wara l-irtirar tan-nomina ta' Dr Zammit Young, l-Oppożizzjoni bdiet kampanja ta' gideb u tfigħ ta' tajn. Qalu li jien kont innominajt lil Dr Zammit Young għax missierha *canvasser* tiegħi: gidba doppja; missier Dr Zammit Young la hu *canvasser* tiegħi u lanqas ma nnominajt lil Dr Zammit Young għal xi raġuni oħra għajr dawk li semmejt iktar qabel. Taw x'jifhmu li jiena qgħadt niftiehem magħha t-*timing* tal-għoti tat-*termination benefit* li l-kumpanija privata, nerġa' ngħid privata, li magħha kienet taħdem. Gidba oħra.

Jien staqsejt bejni u bejn ruħi: għaliex dawn l-attakki personali u sistematiċi fuq il-persuna u parti mill-familja ta' Dr Zammit Young? Fuq avukata li kienet anke konsulenta ta' Gvern preċedenti u serviet f'diversi bordijiet fi żmien Dr Carm Mifsud Bonnici bħala Ministru? X'għandha ħażin Dr Zammit Young?

It-tgħajjir u l-insulti li qlajt jien, nassorbihom. Jien politiku u m'għandix diffikultà.

Iżda lill-persuni l-oħra mill-professjoni legali u l-familjari tagħhom li sfaw attakkati anke b'mod feroċi mingħajr ebda tort, insellmilhom u nagħmillhom kuraġġ.

Sur President,

Matul l-aħħar ġimgħa ġiet diskussa wkoll ir-Riforma fil-Qasam tal-Ġustizzja li se nkomplu nagħmlu u nwettqu għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Ippermettili ngħid li meta nisma' lil sħabi tan-naħa l-oħra jitkellmu dwar riforma fil-ġustizzja, bla ma rrid nitbissem. Nitbissem għaliex fil-qasam tal-Ġustizzja writna sitwazzjoni fejn il-poplu kollu u l-professjonisti legali kienu qed jgħidu kemm dan is-settur kien waqa' lura u kemm kien fadal ħafna xi jsir.

Mill-ewwel ma ħlejniex żmien biex inniedu l-Kummissjoni mmexxija mill-Imħallef Giovanni Bonello. Din il-Kummissjoni semgħet lil kulħadd u anke bagħtet għal rappreżentant tal-Oppożizzjoni biex itiha l-proposti tal-Partit Nazzjonalista.

Dakinhar l-Oppożizzjoni qaltlu li ma kellhiex x'tipproponi.

Però anke jekk tal-Partit Nazzjonalista ma qalu xejn dakinhar għax ma kellhomx proposti, il-Kummissjoni Bonello ħarġet b'450 proposta li aħna diġà bdejna nimplimentaw.

X'ma għamilniex?

Ħa nsemmi ftit eżempji biex ma niħux ħafna mill-ħin tal-Kamra:

1. Id-dritt tad-*disclosure* waqt l-arrest;
2. Id-dritt ta' informazzjoni u traduzzjoni waqt l-arrest;
3. Ħarraxna l-pieni f'każ ta' esplojtazzjoni sesswali ta' minuri;
4. Daħħalna *Asset Management and Recovery Bureau*;
5. Daħħalna *guidelines* u d-dritt ta' appell minn deċiżjonijiet tal-AG f'kawżi tad-droga;
6. Estendejna l-*plea-bargaining* fil-qrati kriminali kollha;
7. Id f'id mal-aħħar punt, daħħalna d-dritt li wieħed jammetti waqt kumpilazzjoni u jingħata sentenza immedjatament;
8. Irriformajna mill-qiegħ il-liġijiet tad-drogi biex ikunu iktar ġusti ma' min hu vittma tal-vizzju;
9. Daħħalna d-dritt li f'każijiet ta' annullamenti, l-qrati ċivili ma jkollhomx jistennew it-Tribunal Ekkleżjastiku imma jkunu jistgħu jibqgħu għaddejjin jisimgħu l-kawża;
10. Saħħaħna l-*Witness Protection Programme*;
11. Biddilna l-liġi li tirregola ċ-ċertifikati tal-kondotta li kienet qed tikkawża *hardship* enormi fuq ħafna ċittadini;
12. Implimentajna r-Regolament dwar is-Suċċessjoni Transkonfinali;

13. Daħħalna elenku sħiħ ta' għodod ġodda tal-informatika: differimenti bl-SMS, *emails* lill-avukati b'digrieti, traskrizzjonijiet tax-xhieda, riferti tan-notifiki, aċċess *online* tal-LECAM u oħrajn;
14. Ftaħna l-*Judiciary's Building* biex b'hekk żidna l-ispazju fiżiku fil-Qrati tagħna;
15. Żidna l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġurisdizzjoni Kriminali) biex b'hekk naqqasna l-ammont ta' kumpilazzjonijiet;
16. Fil-15 ta' Frar li ġej se jidħlu fis-seħħ ir-riformi fil-proċedura ċivili li se jnaqqsu l-burokrazija, ikomplu jespedixxu l-kawżi u jdaħħlu proċeduri *fast-track* bħal dawk relatati ma' sentenzi fil-Qrati tal-Appell Superjuri u f'każijiet fejn kawża tiġi intavolata fil-Qorti mhux korretta;
17. Daħħalna s-sistema tal-*Court Attorneys* li diġà qed tħalli differenza; u
18. Bdejna proġett pilota għall-prosekuzzjonijiet permezz ta' Avukat u mhux membru tal-Korp tal-Pulizija.

U fadlilna x'nagħmlu. Fadlilna ħafna x'nagħmlu. Għadna biss nofs triq.

Però r-riżultati qed jidhru diġà.

F'dawn l-aħħar 3 snin, rajna titjib sostanzjali f'dik li hija l-effiċjenza fil-qrati ċivili. Meta wieħed iħares b'mod globali lejn kemm daħlu u kemm inqatgħu kawżi kull sena mill-2012, insibu li filwaqt li fl-2012 il-qrati bil-kemm kienu qed ilaħħqu mal-każijiet li kienu deħlin (u għalhekk kien hemm *clearance rate* globali ta' 99%), sal-2015 ir-rata globali li biha kienu qed jiġu deċiżi kawżi iktar minn dawk li daħlu kienet telgħet għal 112%. Dan ifisser ukoll li f'dawn l-aħħar tliet snin, kien hemm sforz ġenwin sabiex il-qrati ċivili jibdew jindirizzaw b'mod konkret in-numru ta' każijiet pendenti, u b'konsegwenza ta' dan, id-dewmien fil-kawżi.

Fil-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri, minkejja li għad fadal xi jsir, rajna titjib fil-*clearance rate* minn 50% fl-2012 sa' 80% fl-2015. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas li bdejna naraw fil-bidu tas-sena 2015 fil-Bord li jirregola l-Kera ġie indirizzat biż-żieda ta' Maġistrat ġdida u lejn l-aħħar tas-sena 2015, diġà bdejna naraw avvanz fir-rata tas-smigħ tal-kawżi f'dan il-Bord.

Dan it-titjib fir-rata li biha jinqatgħu l-kawżi twassal sabiex jonqos iż-żmien li kawża ddum fil-qrati tagħna. Hawnhekk ukoll rajna titjib sostanzjali bejn l-2012 u l-2015. Fl-2012 fil-qrati ċivili, id-*disposition time* globali kienet ta' 777 ġurnata, filwaqt li fl-2015, din niżlet għal 668 ġranet.

Fil-qrati kriminali, l-istampa hi iktar kawta imma xorta pożittiva. Hawnhekk jidħlu tliet darbiet iktar każijiet f'sena milli jidħlu quddiem il-qrati ċivili.

Tajjeb ta' min jgħid ukoll li 94% tal-każijiet li jidħlu fil-qrati kriminali, jersqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. F'din il-Qorti, rajna titjib marġinali f'dik li hi r-rata tal-ħeffa tal-kawżi, minn 99% fl-2012 sa 101% fl-2015, u dan ġie rifless fl-istess marġini ta' titjib globali ta' 2% fil-qrati kollha kriminali.

Dan ifisser li iktar ma l-qrati jlaħħqu man-numru tal-każijiet li deħlin, u iktar ma jonqos iż-żmien li kawża ddum quddiem il-qrati tagħna, iktar ser naraw tnaqqis fin-numru ta' każijiet pendenti. Infatti, fl-2012, kien hemm 11,533 każ pendenti quddiem il-qrati ċivili, u sal-2015, dawn naqsu bi 11% biex spiċċajna s-sena 2015 b'10,274 każijiet pendenti. Fil-qrati kriminali, rajna wkoll tnaqqis globali ta' 1.5%, fil-Qorti tal-Maġistrati (Sede Kriminali), li nerġa' ngħid hemmhekk hemm il-*bulk* tal-kawżi kollha kriminali.

Mela dan x'għamilna aħna f'dawn it-tliet snin u r-riżultati qed jidhru jinħassu min-nies.

Issa wara kważi tliet snin jikkritikaw biss u bla proposti ta' xejn, l-Oppożizzjoni ħarġet bi proposta li lanqas hi tagħhom imma tal-Kummissjoni Bonello. Dik li tinbidel il-metodu tal-ħatra tal-ġudikanti fil-mod li ssuġġeriet dina l-Kummissjoni.

Issa ħa nagħmilha ċara – Kif dejjem għidt – in-nies meta jitkellmu miegħi l-prijorità ewlenija tagħhom hija d-dewmien tal-kawżi. Infallibbilment u rari ħafna li niltaqa' ma' xi ħadd u jgħidli: isma' l-*concern* tiegħi hu l-metodu tal-ħatra tal-ġudikanti. Il-*concern number one* tan-nies hu d-dewmien tal-kawżi u l-poplu japprezza ħafna – u naf li ħafna – x-xogħol li qed nagħmlu biex jinqatgħu dejjem iktar kawżi.

Biss, nifhem u jien sensittiv għar-realtà li hawn sezzjonijiet tal-poplu, inkluż il-professjonisti legali, li ilhom snin twal jixtiequ li jkun hawn iktar trasparenza fil-metodu tal-ħatra tal-ġudikanti. Niftakar li kien qam għagħa ġustifikat meta l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet laqqmet lill-qrati tagħna *an all in the family jamboree* għaliex kull fejn iddawwar rasek fl-istituzzjonijiet prinċipali kont tara biss kunjom wieħed u dan ma kienx sew.

Jiena diġà tajt *commitment*, il-Viċi Prim Ministru diġà ta *commitment*, u qed nerġa' ntih illum illi dan il-Gvern se jtejjeb il-metodu preżenti tal-ħatra tal-ġudikanti biex idaħħal iktar trasparenza.

Trid tkun bidla li fl-istess ħin tħeġġeġ lill-Avukati biex iservu lil pajjiżna bħala Ġudikanti u mhux bil-maqlub, tkun bidla li toħloq bilanċ tajjeb bejn il-kunfidenzjalità li Avukat dejjem jinsisti li jkollu f'dawn it-tip ta' proċessi u l-bżonn ta' iktar trasparenza.

Illum il-Kamra tal-Avukati tat ukoll il-proposti tagħha dwar il-metodu tal-ħatra tal-Ġudikanti – u minn hawn irrid nirringrazzjaha u nsellmilha – li huma pożittivi, interessanti u li huma kemxejn differenti minn dawk tal-Kummissjoni Bonello. Nemmen li fuq il-proposti tal-Kamra hemm bażi tajba ta' konverġenza, ħafna mill-punti jien personalment naqbel magħhom, oħrajn jimmeritaw iktar riflessjoni u oħrajn li forsi ma ġewx indirizzati s'issa.

Nieħu gost li niddiskuti dawn il-punti f'laqgħat ulterjuri li ċert li se jkolli ma' sħabi tal-Kamra tal-Avukati.

Ironikament, kellha tkun din il-kontroversja li reġgħet tefgħet fiċ-ċentru tad-dibattitu l-qasam tal-ġustizzja li għal ħafna raġunijiet mhux dejjem jinteressaw daqstant lill-pubbliku

in ġenerali. Jien nawgura li f'din is-seduta jkollna dibattitu sabiħ dwar iktar tibdil li rridu nagħmlu fil-qasam tal-ġustizzja u li mhux illum biss imma nibqgħu niddibattu fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin bl-istess livell ta' intensità u ħeġġa.

Inwiegħed li se nkompli nagħti ħilti kollha għal riforma sħiħa, riforma ħolistika għall-qasam tal-ġustizzja.

Grazzi ħafna, Sur President.